MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 18

7 ta' April 2014

Minuti tas-seduta Nru.18 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 7 ta' April 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha u l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ - Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.3.4 **(Ref: P/5/15)** tas-seduta preċedenti u talab sabiex tinqara kif ġej:

*"4.3.4. Il-Kunsillier E. Bartolo rrimarka li jidher illi din id-deċiżjoni ttieħdet mingħajr l-ebda konsultazzjoni la mal-Kunsilli Lokali u lanqas mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Qal ukoll li l-bini ta' ħitan bejn it-triq u qtajja' vojta ma jwaqqaf ebda abbuż. Ħafna drabi l-iskart jitwaddab minn fuq il-ħitan u jingema bil-konsegwenza li tinħoloq dehra kerha mill-għoli, kif ukoll jinġiebu l-ġrieden u insetti xorta waħda. Huwa qal ukoll li madwar il-lokalita` jeżistu postijiet, li minkejja illi jiġu abbużati, mil-lat estetiku jkun aħjar jekk ma jinbnew ebda ħitan.".*

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 16.2. **(Ref: A/6/3/2/Vol 46)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara hekk:

*"16.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-membri tal-Island Car Club dwar l-organizzazzjoni ta' hillclimb f'Dawret il-Mellieħa fit-13 ta' April 2014. Il-Kunsillier E. Bartolo oġġezzjoni li dan l-avveniment isir f'Dawret il-Mellieħa minħabba l-inkonvenjent li jikkawża fit-toroq ewlenin, meta jista` jsir xorta waħda fit-triq tal-Miżieb, kif kien isir fil-passat.".*

1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 17.4. (Ref: T/3/2/Vol XII) tas-seduta preċedenti u talab li tiġi emendat kif jidher hawn taħt:

*"17.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal għalkemm mhux joġġezzjoni, ikkummenta li ma jistax jifhem kif il-proposta ta' pedestrian crossing kienet rifjutata minn Transport Malta sentejn qabel, u issa ġie approvata meta ċ-ċirkostanzi baqgħu l-istess, inkluż in-nies li pproċessaw it-talba. Il-Kunsill approva l-arranġament deskritt mis-Sindku.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 17 bl-emendi t'hawn fuq. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli (A/5/3/Vol XII)

2.1.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li l-*Car Enthusiasts Day* issir fit-toroq biswit il-Park tal-Familja, fi Triq Ġuże` Flores u Triq Selmun, nhar il-Ħadd 27 ta' April 2014 bejn id-9.30am u s-1.30pm. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jkun hemm attrazzjoni għat-tfal permezz tal-*bouncy castles*.

2.1.3. Il-Kunsill laqa' l-proposti mresqa.

### 2.2.1. Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fl-1 ta' April 2014 huwa attenda laqgħa mal-kap eżekuttiv tal-Wasteserv Malta Ltd – is-Sur Tonio Montebello – kif ukoll mal-konsulent appuntat mill-Kunsill biex jagħmel ir-rapport dwar l-analiżi tas-sitwazzjoni u l-*feasibility study* – Ms Ruth Debrincat minn AIS Environmental Ltd.

2.2.3. Is-Sur Montebello qal li l-Wasteserv ser tkun qed tikkonċentra l-attivita` tagħhom fuq il-miri lit rid tilħaq inkluż dawk iffissati għall-pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea, li fil-parti l-kbira tagħhom huma ffinanzjati minn fondi allokati lilha mill-istess unjoni. Għaldaqstant proġetti bħal dak tal-PIM EnergEthica m'humiex ta' priorita` għaliha, u b'mod partikulari meta jitqiesu l-fatturi li jirrenduh mhux vijabbli bħalma huma nuqqas ta' biomassa (faxxina) biex jitħaddem l-impjant matul is-sena kollha, kif anke rriżulta mill-istudju li sar. Huwa saħaq li l-Wasteserv m'għandiex titgħabba b'impjant li mhux vijabbli u iktar minn hekk jintefqu fondi pubbliċi fuqu.

2.2.4. Fattur ieħor li ġiegħel lil Wasteserv tirtira mill-proġett huwa l-ħtieġa ta' medda art 300 metru kwadru illi l-kumpanija teħtieġ biex timplimenta proġetti oħra. Din l-area hija konsiderevoli u faċilment jinħolqu problemi biex jiġi approvat min-naħa tal-MEPA.

2.2.5. Is-Sur C. Debono qal li huwa ġibed l-attenzjoni tas-Sur Montebello li l-Kunsill tal-Mellieħa huwa l-iktar fost l-imsieħba kollha fil-proġett li għamel spejjeż u għalhekk il-Kunsill ser jinsisti mal-Wasteserv biex jirkupra l-flus minfuqa, kemm-il darba l-Kummissjoni Ewropea titlob lura l-flus allokati.

2.2.6. Is-Sur Montebello, qal li l-Wasteserv tkun disposta li tagħmel dan u lest li jikkommetti ruħu bil-kitba. Huwa qal ukoll li hekk kif jiġi finalizzat l-istudju, ser jinforma uffiċjalment lil *Lead Partner* u jgħati r-raġunijiet li waslu għad-deċiżjoni li ttieħdet.

2.2.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Jum il-Kunsill 2014 (A/5/3/1/Vol XIV)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.5. tas-seduta preċedenti u ppropona li tiġi sospiża s-seduta għal ftit tal-ħin sabiex tiġi ppreżentata tifkira lill-ex-Sindku Joseph Borg fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li s-Sur J. Borg minbarra bħala kunsillier serva bħala Sindku fl-Ewwel u t-Tielet Kunsill, li ma kienux żmenijiet faċli peress li ma kienx hemm l-esperjenza li wieħed seta jibni fuqha.

2.3.3. Is-Sur J. Borg tenna li huwa kien behsiebu jattendi l-attivita` tas-7 ta' Marzu 2014, iżda ma setax jattendi għaliha fl-aħħar ħin. Huwa rringrazzja lill-Kunsill għal apprezzament tal-ħidma tiegħu bejn l-1993 u l-2008. Is-Sur Borg qal li huwa jibqa' dispost illi joffri l-għajnuna lill-Kunsill kull meta jiġi mitlub.

### 2.4.1. Attivitajiet pubbliċi organizzati minn għaqdiet (S/6/Vol IV) (A/6/3/2/Vol 46)

2.4.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 4.5.5. tas-seduta preċedenti u qal li l-attivita` tal-Mellieħa Supporters Club tal-4 ta' Mejju 2014 tista' issir flimkien mat-10 Kilometre Race.

2.4.3. Is-Sindku wieġeb illi d-deċiżjoni ttieħdet minħabba li ż-żewġ attivitajiet jinvolvu Triq Qasam Barrani, kif ukoll b'hekk ser ikollha jingħalqu aktar toroq f'jum wieħed. Huwa qal li l-prassi ilha tiġi prattikata, anke minħabba l-konkorrenza tal-pubbliku.

2.4.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għall-użu tal-*billboard*, kif ukoll biex jiġi stampat il-*poster*.

2.4.5. Dwar il-palk, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba lid-Dipartiment tal-Kultura biex dan jiġi pprovdut. Kien hemm qbil li l-organizzaturi għandhom jindikaw jekk jirrikjedux għajnuna sabiex jiġi pprovdut il-*poster*, jew għat-trasport tal-palk.

## 2.5.1. Bejgħ ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (P/3/5)

2.5.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.3. tas-seduta preċedenti u pproponiet li l-aħħar tliet pubblikazzjonijiet tal-Kunsill - *Wartime Mellieħa*; *Iż-Żija tal-Mellieħa; Quest for Identity*, jinbiegħu bil-prezz ta' Eur 25 u jiġu offruti lill-bejjiegħa tal-kotba.

2.5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li l-prezz għandu jonqos skont in-numru ta' kotba li jinxtraw, peress li jkun hemm nies li diġa xtraw xi ktieb jew ieħor.

2.5.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jsir clearance price għal kull kieb.

2.5.5. Is-Segretarju kkummenta li ma jaqbilx li jiġu ffissati prezzijiet differenti, kif ukoll it-tqassim ta' l-istess kotba lill-bejjiegħa mingħajr ma l-Kunsill jirċievi l-ħlas. Huwa ġibed l-attenzjoni li dan ser jitfa' piż fuq is-segretarjat tal-Kunsill għaliex minn żmien għal żmien ser ikollu jfakkar lill-bejjiegħa tal-kotba biex ikun jaf kemm għamlu bejgħ u hekk ma jkunx hemm kontroll fuq l-istokk.

2.5.6. Is-Sindku kkummenta li l-Kunsill għandu stokk imdaqqas ta' kotba li jeħtieġ joħroġ u jeħtieġ li jkun hemm xi skema biex dan jitnaqqas.

2.5.7. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li mhux qed issir pubbliċita` biżżejjed dwar il-pubblikazzjonijiet li għandu l-Kunsill bil-mezzi li għandu għad-disposizzjoni tiegħu, bħalma huwa s-sit elettroniku u l-magazin "Mill-Qiegħa".

2.5.8. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jiġi studjat aktar fid-dettal, minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jġib miegħu partikularment f'dik li hija l-verifika.

## 2.6.1. Servizzi fil-Klinika tal-Gvern (M/8/Vol V)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.9.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li fl-24 ta' Marzu 2014 saret il-preżentazzjoni tal-attrezzi li nxtraw għall-klinika tal-i*speech therapy*, liema servizz jingħata fl-istess berġa. Flimkien miegħu kien hemm preżenti s-Sindku J. Buttigieg, Dr Rita Micallef u Ms Estelle Farrugia mid-Dipartiment għall-Kura Primarja.

2.6.3. Is-Sur J. Attard qal ukoll li għadhom kemm iggradwaw sbatax-il *speech therapist* ġdid u għalhekk hemm il-possibilta` li l-attendenza fil-berġa tal-Mellieħa tiżdied minn tliet ijiem fil-ġimgħa. Fl-istess klinika hemm nuqqas ta' *tablet* u *desktop computer* biex jiffaċilitaw it-terapija u b'hekk jiġi ffranka x-xiri ta' aktar attrezzi.

2.6.4. Il-Kunsill approva din il-proposta u fuq punt imqajjem mis-Segretarju, qabel li dan għandu jkun parti mill-inventarju tal-Kunsill.

## 2.7.1. Trasport għall-Anzjani (A/1/2/Vol VII)

2.7.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u kompla jaġġorna lill-Kunsill bin-numru ta' anzjani li jiffrekwentaw ic-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha, u li għamlu użu mit-trasport matul ix-xahar ta' Marzu 2014. Huwa għadda t-tagħrif li jidher fl-iskeda ta' hawn taħt:

| Data (Marzu) | Nru. ta' Anzjani |
|---|---|
| It-Tlieta 4 | 6 |
| Il-Ħamis 6 | 3 |
| It-Tlieta 11 | 4 |
| Il-Ħamis 13 | 3 |
| It-Tlieta 18 | 9 |

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 20 | 4 |
| It-Tlieta 25 | 9 |
| Il-Ħamis 27 | 4 |

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.8.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)

2.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 18.3. tas-seduta preċedenti u qal li huwa kkuntattja lis-Sur Twanny Darmanin. Dan irrakkomanda li l-*card* kbira biex tiġi ffirmata mill-familjari tal-ommijiet residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, għandha tkun 60cm X100cm u titpoġġa faċċata tad-daħla ewlenija tad-dar.

2.8.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Omm issir f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fl-10 ta' Mejju 2014 bejn it-3.30pm u l-4.30pm skont programm li qed jitfassal. Hija ssuġġeriet li ssir attivita` oħra fis-16 ta' Mejju b'rabta ma' Jum l-Omm li tinkludi attivita` fil-Mellieħa Holiday Centre fejn l-adulti jħallsu €10 u t-tfal €6.00. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-koppja Joe u Veronica Farrugia ser jinvolvu nefqa ta' €150, filwaqt li l-kantanta Karen Debattista għadha ma ndikatx il-ħlas dovut lilha.

2.8.4. Il-Kunsill approva dan l-arranġament msemmija fil-minuti 2.8.2. u 2.8.3. aktar 'il fuq.

## 2.9.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.6.3. tas-seduta preċedenti u qalet li minflok għal Birgu, il-ħarġa skedata għall-15 ta' April 2014 ser tkun għal Ħal-Għaxaq u l-Gudja fejn hemm wirjiet tal-Mejda tal-Appostli. Din ser tkun filgħaxija u l-ħlas ser ikun ta' €6.00.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.10.1. Kompetizzjoni annwali bi premju intitolata *A+Accessibility Award* (P/8/4)

2.10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-data tal-għeluq għall-premju msemmi ġiet posposta għat-30 ta' April 2014, filwaqt li ġie ċċarat kwalunkwe` inizjattiva li ttejjeb l-aċċessibilita` hija eliġibbli għall-għoti tal-premjijiet. Huwa qal li bħala inizjattivi li għandhom jiġu sottomessi għandu jkun hemm:

- Id-daħla ewlenija għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill;
- Il-banda għall-persuni b'diżabilita` fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ;
- Il-puġġaman ta' Triq il-Mitħna l-Qadima;
- Rampa minflok it-tarag eżistenti bejn Triq Sant' Anna u Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Servizz tal-Wi-Fi fil-Park tal-Familja, Ġnejnet il-Kunsill, u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.10.3. Il-Kunsill approva l-proposti mresqa.

## 2.11.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli (A/5/3/Vol XII)

2.11.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li l-*Car Enthusiasts Day* issir fit-toroq biswit il-Park tal-Familja, fi Triq Ġuże` Flores u Triq Selmun, nhar il-Ħadd 27 ta' April 2014 bejn id-9.30am u s-1.30pm. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jkun hemm attrazzjoni għat-tfal permezz tal-*bouncy castles*.

2.11.3. Il-Kunsill laqa' l-proposti mresqa.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 03/04/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 14/03/14 – 03/04/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;

- Abbozz ta' ftehim bejn il-Kunsill u l-Kurja Arċiveskovili dwar l-Installazzjoni ta' Sistema ta' *Floodlighting* madwar il-Knisja tal-Manikata;
- Minuti - Laqgħa Annwali tal-Lokalita` li saret fil-Manikata – 06/02/14
- Rendikont finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2013

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Żieda fin-numru ta' kmamar fis-Solana Hotel (P/5/8/D)

4.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni li saret mill-operaturi tas-Solana Hotel lill-MEPA - PA 974/14 – sabiex jiżdiedu n-numru ta' kmamar fuq in-naħa li tħares fuq Triq Sammy Bartolo.

4.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li din l-applikazzjoni tinvolvi binji eżistenti li jrid jiġi mibdul fi kmamar għall-akkomodazzjoni.

4.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. *Beach Festival* fl-Armier iż-Żgħir (A/6/3/2/Vol 44)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 2 ta' April 2014, mibgħuta minn G & T Ltd (Kick Promotions) sabiex bħal snin oħra tiġi organizzata l-attivita` imsemmija bejn l-1 u t-2 ta' Ġunju 2014.

4.2.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li f'dawn it-tip ta' attivitajiet, ikun importanti li l-organizzaturi jiġu obbligati jqabbdu kuntrattur sabiex inaddaf il-post, kif ukoll it-toroq li jwasslu għalih, kif ukoll jiġi diskuss mal-Pulizija dwar fejn għandhom jitpoġġew il-kjoskijiet li normalment jinġiebu minn operaturi li m'għandhomx x'jaqsmu mal-organizzazzjoni tal-istess avveniment.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li t-talba għandha tiġi kkunsidrata favorevolment b'konsultazzjoni mal-Pulizija.

### 4.3.1. Sessjonijiet ta' taħriġ fil-*customer care* (K/1/3/Vol II)

4.3.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għal ittra datata 19 ta' Marzu 2014, mibgħuta mill-HSBC Bank plc fejn saret talba sabiex jużaw is-sala tal-Kunsill għal sessjonijiet ta' taħriġ dwar *customer care* in generali bil-għan li jinstabu persuni addattati biex jaħdmu f'dan il-qasam.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

### 4.4.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2014 (F/1/7/Vol III)

4.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li d-Dipartiment tal-Kummerċ reġa ħareġ sejħa sabiex isiru nominazzjoni għall-premjijiet imsemmija. Huwa ppropona li n-nomina tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, tista' tkun ibbażata fuq diversi inizjattivi li diġa ttieħdu u oħrajn li huma ppjanti. Dawn jinkludu:

- Organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari bħal Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ; l-Iljieli Melleħin; il-Festival Internazzjonali tal-Mużika; iċ-Ċelebrazzjoni tas-Sena l-Ġdida;
- Id-Dubai *Publicity Event*; u
- Il-*Mellieħa Business Forum*.

4.4.3. Il-Kunsill approva l-inklużżjoni tal-iniżjattivi msemmija fis-sottomissjonijiet li jsiru.

### 4.5.1. Attivita` flimkien mal-JP 2 Foundation (S/6/Vol IV)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 10 ta' Marzu 2014 mibgħuta minn JP2 Foundation fejn intqal li l-istess Fondazzjoni għandha l-intenzjoni li torganizza attivita` kommemorattiva dwar iż-żjara li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Mellieħa fl-1990, fimkien mal-Kunsill. Qed jiġi propost li f'din l-attivita` jiġi mniedi ktieb dwar l-istess Papa ta' Dott. Andrea Riccardi li huwa l-President tal-Comunita` di Sant Egidio, liema ktieb ġie tradott għall-Malti miċ-Ċentru Komunikazzjoni u Animazzjoni CAK. Fl-istess attivita` huwa ppjanat ukoll li jiġi mistieden ex-President ta' Malta, kif ukoll ikun hemm l-parteċipazzjoni

tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Data għal dan l-avveniment għadha ma ġietx iffissata.

4.5.3. Il-Fondazzjoni appellat lill-Kunsill sabiex ikopri t-titjiriet u l-akkomodazzjoni ta' Dott Riccardi.

### 4.6.1. *Queen' Baton Relay* (A/5/3/Vol XIII)

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 7 ta' April 2014, mibgħut mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn il-Kunsill intalab jieħu sehem fil-Queen Baton Relay li ddur il-pajjiżi membri tal-Commonwealth qabel il-logħob tal-Commonwealth li ser isiru fl-Iskozja. Intqal li l-*baton* ser tasal fil-Mellieħa għall-ħabta tas-1.30pm fit-8 ta' Mejju 2014 u ddum madwar 15-il minuta. Il-Kunsill intalab jikkordina sabiex jinstabu student, anzjani, sportivi eċċ, kif ukoll jiġi ndikat post addattat. L-avviment ser jiġi rrappurtat u ffilmjat mill-media internazzjonali.

4.6.3. Il-Kunsillier H. Fenech intalab jikkordina sabiex jinstabu n-nies li jistgħu jieħdu sehem.

### 4.7.1. Batterija tal-Mistra (C/6/Vol IX)

4.7.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-imejl datat 27 ta' Marzu 2014, mibgħuta minn Dr Victor Martinelli dwar atti vandali u abbuż fil-Batterija tal-Mistra li għadha kemm ġiet irrestawrata mill-kumpanij tal-fish farm li kienet topera minnha. Huwa staqsa dwar jekk ittieħditx azzjoni.

4.7.3. Is-Segretarju wieġeb li nġibdet l-attenzjoni tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern permezz ta' imejl datat l-1 ta' April 2014.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta' April 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

### 7.1. Tħejjijiet għall-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/4)

7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa kompla jaħdem fuq din l-attivita` u fil-fatt ressaq abbozz tal-programm li ġie spjegat kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa<br>30 ta' Mejju – Misraħ il-Parroċċa | Għaqda Mużikali Imperial<br>Eynsford Concert Band<br>Mass Band |
| Is-Sibt<br>31 ta' Mejju – Misraħ il-Parroċċa | Korr<br>Societa` Filarmonica La Vittoria |
| Il-Ħadd (11.00am)<br>1 ta' Ġunju – Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II | Korr u Orkestra Maria Bambina fejn ser jiġi mfakkar l-għaxar anniversarju mill-ftuħ tax-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija u tiġi ppreżentata tifkira |
| Il-Ħadd (filgħaxija) | Spettaklu mill-International Multi-Style Dance Convention u mill-għaqdiet mużikali kollha li jkunu qed jieħdu sehem fil-festival |

7.3. Bħala spejjeż ser ikun hemm it-trasferimenti minn/għall-ajruport tal-Eynsford Concert Band, il-kiri tal-palk, l-*audio* u s-siġġijiet għall-mużiċisti u l-udjenza.

7.4. Is-Sur C. Bartolo kompla jispjega li r-reklamar tal-festival ser jibda fil-5 ta' Mejju 2014 b'konferenza stampa li tingħata anke skont ir-regolamenti tal-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali li dan il-avveniment ser ikun qed jibbenefika minnu.

7.5. Il-Kunsill approva l-arranġamenti msemmija u talab li jiġu kwantifikati l-ispejjeż.

### 8.1. Ftehim mal-Kurja Arċiveskovili dwar il-*floodlighting* tal-Knisja tal-Manikata (P/4/25)

8.2. Is-Segretarju għadda kopja tal-ftehim li ġie mgħoddi lill-Kunsillieri qabel is-seduta. Huwa spjega li dan ġie ppreparat mill-Kurja.

8.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo staqsa jekk hemm il-ħtieġa li l-ftehim jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali peress li jinvolvi l-infieq ta' fondi pubbliċi fuq proprjeta` tal-Knisja.

8.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li madwar l-istess knisja diġa jeżistu *floodlights* li twaħħlu hemm mill-Gvern u huma mqabbda mas-sistema tad-dwal tat-toroq.

8.5. Il-Kunsill approva t-test tal-ftehim u għalhekk awtorizza l-iffirmar tiegħu.

### 9.1. Proposti lill-Gvern Ċentrali dwar Proġetti Kapitali (P/4/32)

9.2. Is-Sindku rrefera għal ħames proġetti kapitali li ġew diskussi f'laqgħa apposta li saret fil-5 ta' April. Huwa fakkar li l-istess proġetti kienet saret referenza għalihom fil-laqgħa tal-Kabinett tal-Ministri li saret fil-Mellieħa fil-21 ta' Jannar 2014. Għaldaqstant huwa ppropona li d-dokument illi jrid jiġi ppreparat għandu jiġi mgħoddi lis-Segretarju tal-Kabinett.

9.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku, anke minħabba li l-proġetti li ġew trattata jinvolvi entitajiet governattivi differenti.

### 10.1. Ħlasijiet marbuta mal-Proġett tal-*Heritage Trail* ta' Selmun (P/10/3/Vol III)

10.2. Is-Segretarju għarraf li ġew sottomessi l-kontijiet kollha relatati mal-miżuri 313 u 323 b'rabta tal-proġett imsemmi. Irriżulta li n-nefqa qabżet l-ammont kuntrattat bi 4.6% fir-rigward tal-kuntratt SHT 3/313 li jinvoli restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Ċentru ta' Informazzjoni u xogħlijiet relatati; (b) Xogħol relatat ma' arkitettura, mekkaniku u ta' inġinerija; (ċ) Restawr ta' Strutturi u Xogħlijiet relatati; u (d) Titjib ta' Aċċess u Xogħlijiet relatati. Fil-fatt kien hemm nefqa attwali ta' €95,153.62 kontra dik kuntrattata ta' €90,939.45. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li skont il-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Offerti) tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Kunsill, fir-rigward ta' żieda fl-ispiża bejn 2.5% u 10%

10.3. Il-Kunsill approva l-varjazzjoni wara ħa in konsiderazzjoni li ż-żieda ta' €4,214.17 mhux xi waħda sostanzjoni meta titqabbel ma' dik tal-proġett kollu, kif ukoll li l-baġit allokat ta' €119,041.74 baqa' ma nqabisx.

### 11.1. *Caravans, Campers u Barbecues* qrib ix-xtut (C/4/Vol III)(B/5/Vol IV)

11.2. Is-Sindku aċċenna għall-ipparkjar ta' *caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil u talab lill-Kunsill jiddiskuti dwar jekk dan huwiex ser jiġi ttollerat matul ix-xhur tas-Sajf bejn Ġunju u Settembru 2014. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll illi qed ikun hemm pressjoni sabiex jiġi identifikat post, wara li dawn qed jitneħħew minn postijiet bħalma sar fil-Mistra. Min-naħa l-oħra huwa mportanti li n-numru tagħhom fil-Qortin it-Twil ikun regolat u ma jaqbisx l-għoxrin.

11.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li teżisti domanda wkoll sabiex jinstab post fejn jistgħu jipparkjaw il-*campers*. Huwa qal li wieħed mit-tliet parkeġġi li hemm bejn il-Costa del Sol Lido u l-Mellieħa Bay Hotel jista' jintuża għal dan il-għan.

11.4. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li qed ikun hemm talbiet dwar it-tolleranza tal-*barbecues* fil-Bajja tal-Għadira, fejn isir użu mill-gass minflok il-faħam. Huwa staqsa dwar jekk dawn għandhomx jitħallew jsiru wara s-6.00 ta' filgħaxija.

11.5. Filwaqt li l-Kunsill qabel mal-proposti mresqa mis-Sindku fil-minuti 11.2. u 11.3., kien tal-fehma li l-*barbecues* m'għandhomx jiġu ttollerati, peress li l-*bye-laws* jipprojbixxu tisjir fil-beraħ fir-ramliet tal-Għadira, irrispettament jekk jintużax faħam jew gass.

11.6. Is-Sindku fakkar li Green MT Ltd qed ikollha problemi sabiex tiġbor l-iskart mill-Għadira, peress li dan qed ikun imħallat u għalhekk qed ikollha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż biex dan jintrema fil-Magħtab. Minn laqgħa li saret mal-Cleansing Services Department irriżulta li dan id-Dipartiment m'għandux riżorsi biżżejjed biex jagħmel dan. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan il-fattur huwa ta' tħassib għall-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u n-Nature Trust, peress li jista' jwassal għat-telf tal-Blue Flag fl-Għadira. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir laqgħa dwar dan is-suġġett ma' Green MT Ltd fl-14 ta' April 2014.

11.7. Il-Kunsill innotta u approva l-azzjoni proposta.

## 12.1. Mixja Penitenzjali mill-Mellieħa sa l-Isla (S/6/Vol IV)

12.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-attivita` annwali msemmija li ssir kull sena b'riżq il-fond Puttinu Cares bil-lejl bejn is-17 u 18 ta' April. Minħabba li din attivita` issir bi skop ta' benefiċċjenza, huwa ppropona li tingħata pubbliċita` permezz ta' *billboard* fit-telgħa ta' Selmun, kif ukoll jiġu pprovduti *mobile toilets*, filwaqt li titħalla miftuħa l-latrina pubblika ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

12.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 13.1. Tħejjijiet għal AvventuraSajf 2014 (E/3/4/Vol XIII)

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li jibdew it-tħejjijiet għall-AvventuraSajf 2014 billi jinstab persuna li jista' jagħmilha ta' kordinatur. Hija qalet li fuq l-esperjenza tal-edizzjoni 2013, huwa stmat li jkun hemm il-ħtieġa ta' seba' klassijiet fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Qalet ukoll li wara ż-żieda li kien hemm fil-miżata fl-2013, mhux maħsub li jkun hemm tibdil f'dan is-sens.

13.3. Is-Segretarju aċċenna li l-edizzjoni 2013 kienet kienet sussidjata mill-Kunsill b'€2,594.

13.4. Il-Kunsill approva li jsiru kuntatti mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

## 14.1. *Pedestrian crossing* fi Triq il-Kbira k/m Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XII)

14.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-fatt li fil-post imsemmi jaqsmu ħafna nies, peress li f'dan il-post wieħed ikollu dehra tajba taż-żewġ partijiet fuq kull naħa tal-kurva. Huwa għalhekk ippropona li ssir *zebra crossing*.

14.3. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta minħabba li twaqqaf it-traffiku għat-telgħa fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

## 15.1. Servizz ta' terapista (M/8/Vol V

15.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li teżisti lista ta' 21 persuna anzjana li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa li jixtieqilu li jkollhom servizz ta' terapista sabiex tagħmel il-messaġġi biex jitnaqqas l-uġigħ fil-muskoli. Huwa qal li dan is-servizz jiġi pprovdu mid-Dipartiment tas-Saħħa bi ħlas.

15.3. Wara li l-Kunsill ġibed l-attenzjani li fl-estimi 2014 m'hemmx vot li jkopri dan is-servizz, ġie deċiż li deċiżjoni fuq dan is-suġġett għandha tiġi posposta.

## 16.1. Attivita` fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

16.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf illi fil-*car wash* li kellha ssir fis-16 ta' Marzu 2014 f'Misraħ il-Parroċċa fl-okkażjoni li saret f'Jum iż-Żgħażagħ ġiet ikkanċellata u minflok saret parti minn attivita` oħra ta' benefiċċjenza flimkien mas-Societa` Filarmonica La Vittoria fis-6 ta' April 2014, li fiha ħadu sehem il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Id-dħul li kien hemm minnha u mill-attivitajiet kollha li kien hemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa kien jammonta għal madwar €3,000 li marru b'riżq il-Fond Puttinu Cares.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona illi l-edizzjoni li jmiss tal-attivita` msemmija ser issir nhar is-Sibt 28 ta' Ġunju 2014, bil-bandu jibda fis-7.00pm minn Triq il-Kbira, jgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella, u jintemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II bil-ħuġġieġa tradizzjonali. Dan ser ikun akkumpanjat mill-grupp In Guardia. Is-Sur C. Bartolo, kompla jispjega li l-attivita` f'dan il-Misraħ tkun tinkludi programmi qosra mill-baned Imperial u La Vittoria. Is-Sur C. Bartolo ppropona wkoll li għall-ewwel darba jkun hemm wirja ta' prodotti agrikoli mtellgħa mill-bdiewa.

17.3. Filwaqt li l-Kunsill approva l-kontenut tal-attivita` ġew espressi dubji kemm Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II hemm spażju biżżejjed biex jakkomoda l-attrazzjonijiet kollha proposti. Intqal ukoll li l-ħruq tal-ħuġġieġa jista' jikkawża ħsara fil-paviment tal-porfido. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett ser titkompla fis-seduta li jmiss.

## 18.1. Skambji ta' żgħażagħ permezz tal-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/1/Vol IV)

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna li l-Kunsill ġie kkuntattjat sabiex jissieħeb fi skambju ta' żgħażagħ bejn lokalitajiet li kienu ħadu sehem aktar qabel fil-proġett Terra Mirabilis. Il-proġett bl-isem *Accessible Culture for All: Culture Binds European Youth with Less Opportunities*, huwa ppjanat li jitwettaq f'Settembru 2014 u qed jiġi kordinat mil-lokalita` ta' Clusone fl-Italja.

18.3. Il-Kunsill qabel mat-tisħib f'dan il-proġett.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2014 fis-7.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**